# Mario Minniti, *Il-Magħmudija ta' Kristu*
## Pittura biż-żejt fuq it-tila fil-knisja ta' Sant'Ursola, il-Belt Valletta

Noella Fenech B.A.(Hons)(Melit.), M.A.(Melit.)

Din il-pittura artistika tal-*Magħmudija ta' Kristu* (Fig. 1) [1] hija biċċa xogħol awtografika ta' Mario Minniti[2] (1577-1640) u tinsab imdendla fl-għoli fuq il-ħajt tan-naħa tal-lemin fil-knisja ta' Sant'Ursola, il-Belt Valletta. Oriġinarjament sas-sena 1758 dan kien kwadru fuq wieħed mill-altari tal-ġenb tal-istess knisja, iżda ġie mneħħi minn postu x'aktarx meta l-knisja ġiet rinnovata.[3]

Għal perjodu twil ta' żmien, l-awtur ta' din il-pittura ma kienx magħruf, iżda kienet attribwita lil Mario Minniti.[4] Meta finalment ġiet imniżżla u miflija sew mill-qrib, il-firma tal-artist instabet fuq il-ġebla fuq in-naħa tal-lemin, sewwasew taħt il-mantell aħmar ta' San Ġwann.[5] Mario Minniti kien pittur minn Sqallija li mexa ħafna fuq il-passi ta' Caravaggio.

Huwa kien ħabib intimu ta' Caravaggio (1571-1610) u hawn min jgħid li kien qatta' xi żmien Malta.[6] Ix-xogħlijiet ta' Minniti f'Malta jinkludu *Ecce Homo* fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, li huwa ffirmat u jġib id-data tas-sena 1625. Il-karatteristiċi ta' Minniti jidhru fil-kwalitajiet sottili tax-xagħar, fl-għamla tajba tal-figuri, kif ukoll fil-mod ta' kif jaqa' d-drapp tal-ħwejjeġ. F'din il-biċċa xogħol l-interpretazzjoni fl-uċuħ kif ukoll fil-mod ta' kif hu mpitter is-sema kmieni filgħodu huma simili għax-xogħlijiet tiegħu fl-*Erba' Qaddisin Inkurunati* u speċjalmet f'*San Dumink ta' Silo* fi Sqallija.[7]


Fig. 1 - Magħmudija ta' Kristu

Din il-pittura tappartieni għaż-żmien meta Minniti kien qed iħalli warajh l-influwenza li kellu minn Caravaggio u beda jinfetaħ għall-kuluri tal-iskola ta' Bologna. Fil-fatt ix-xogħol huwa simili ħafna għar-rappreżentazzjoni bl-istess tema ta' Guido Reni.[8] Iż-żewġ protagonisti prinċipali, Kristu u San Ġwann Battista, jieħdu l-parti ċentrali tat-tila. Kristu poġġa jdejh fuq sidru filwaqt li qed jiġi mgħammed b'qoxra ta' arzella minn San Ġwann, li qiegħed iżomm l-istandard tal-Ordni b'idu l-oħra (Fig. 2). Il-fatt li San Ġwann ġie mpinġi mingħajr is-salib tal-qasab f'din il-pittura huwa ħaġa mhux tas-soltu. F'xogħlijiet ta' artisti oħra nsibu li inkorporawhom it-tnejn flimkien – jiġifieri s-salib tal-qasab bl-istandard

1 Ħajr lill-Prof. K. Sciberras li pprovdieli dan ir- ritratt.
2 Fuq Minniti f'Malta ara M. Buhagiar, 1987, p. 72; K. Sciberras, 2009, pp. 56-63.
3 G. Aquilina, 2004, p. 191.
4 K. Sciberras, 2003, p. 27.
5 Diskussjoni mal-Prof. K. Sciberras, 2007.
6 J. Gash, 1993, p. 539; K. Sciberras, 2003, p. 26.
7 D. Borg-Millo, 2003, p. 20.

8 Dan il-kwadru jinsab fil-Mużew Kunsthistorisches ta' Vjenna u jista' jiġi aċċessat minn fuq is-sit elettroniku http://www.wga.hu/frames-e.html?/html/r/reni/1/baptism.html.



Fig. 2 - Dettall ta' San Ġwann Battista mill-*Magħmudija ta' Kristu* ta' Mario Minniti fil-knisja ta' Sant'Ursola fil-Belt Valletta.

tal-Ordni mwaħħal miegħu. Il-kulur aħmar skur tal-mantell ta' San Ġwann huwa tipiku tax-xogħol ta' Minniti, fejn l-aħmar dejjem jilgħab parti importanti biex joħroġ l-effett qawwi tiegħu. Il-figuri għandhom tendenza li jkunu ftit imtawla, speċjalment dik ta' Kristu, b'għonqu twil. Madankollu huma figuri monumentali b'saħħithom li ma jisboqhom ħadd.

Fuq in-naħa tax-xellug tat-tila hemm żewġ anġli li qed iġorru l-mantell ikħal ta' Kristu u li mhumiex qed jagħtu kas ta' dak li qed jiġri quddiemhom. Dawn iż-żewġ anġli huma simili għall-anġli tal-pittura bl-istess tema ta' Andrea del Verocchio li pitter flimkien mal-istudent tiegħu Leonardo da Vinci (Fig. 3). Fuq in-naħa tal-lemin tal-pittura hemm figura ta' raġel, li probabbilment hi ta' dak li kkummissjona din l-opra tal-arti.[9] Għandu mantell tad-deheb imgeżwer miegħu u qed iħares umilment 'l isfel lejn ix-xena tal-Magħmudija. Il-mantell dehbi ta' din il-persuna mhux magħrufa jfakkarna fix-xogħlijiet ta' Caravaggio fejn ħwejjeġ dehbija jidhru kemm-il darba bħal fil-pitturi ta' *Mary Magdalene, The Gypsy Fortune Teller* u *The Cardsharps.*

Ix-xena tal-Magħmudija tidher li qed issir f'pajsaġġ għeri li huwa muri f'qagħda realistika u naturali. Is-siġra fuq in-naħa tax-xellug tidher li hija bla ħajja. Hemm ukoll fergħa mejta fuq in-naħa ta' isfel tal-lemin tal-pittura li wkoll tenfasizza din l-għera. F'xi naħat is-sema huwa msaħħab, u l-Ispirtu s-Santu jidher li qed jitfaċċa minn bejn is-sħab. Hawnhekk jista' jkun li Minniti ħares lejn ix-xogħol ta' Guido Reni. L-effett tal-kulur huwa wieħed kiebi, għajr



Fig. 3 - Dettall tal-anġli mill-*Magħmudija ta' Kristu*, Verrochio flimkien ma' Leonardo (1472-1475), *Galleria degli Uffizi*, Firenze

għall-kulur aħmar u dak dehbi. Fis-sena 2007, din il-pittura ġiet irrestawrata mill-Prof. R. Lapucci u l-istudenti tagħha mill-Università ta' SACI f'Firenze.

**Referenzi**

Aquilina G., *Is-Sorijiet Ġerosolimitani, il-Knisja u l-Monasteru ta' Sant'Ursola, Valletta*, Malta 2004.

Borg Millo D., *Paintings of the Annunciation of the Virgin in Malta. Stylistic and Iconographic Analysis*, Unpublished B.A.(Hons.) Thesis, Malta 1999.

Buhagiar M., *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 – Painting*, Malta 1987.

Gash J., 'Painting and Sculpture in Early Modern Malta', f'Mallia-Milanes V. (ed.), *Hospitalier Malta 1530-1798 – Studies on Early Modern Malta and the Order of St John of Jerusalem*, Malta 1993.

Sciberras K., *L-Arti Barokka f'Malta*, Kullana Kulturali, Vol. 50, Malta 2003.

Sciberras K., *Baroque Painting in Malta*, Malta 2009.

9 K. Sciberras, 2009, p. 61.